**22 ta' Jannar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Joseph A. Herrera B.L.Can., Lic.Can., LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

L-Avukat Dr. Kevin F. Dingli *et noe*

*versus*

Henry Hunt

***Copyright* – Drittijiet ta' l-Awtur – Att VI ta' l-1967**

*Talba biex il-konvenut jiġi inibit milli jippermetti l-esekuzzjoni ta' mużika tutelata. Il-fatti rilevanti kienu l-konvenut kellu Radio fil-ħanut itegħu li kien jirċievi u jittrasmetti mużika waqt il-ħinijiet li kien miftuħ għas-servizz.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi x-xandir (tal-mużika "de quo") hu protett u jirrikjedi liċenzja. Jekk min jirċievi tali xandira jagħmel użu privat minn tali xandira, allura m'hemmx bżonn ta' liċenzja da parti tar-riċevitur. Jekk min jirċevi x-xandir jikkomunika lill-publiku tali xandir tenħtieġ il-liċenzja. Il-Qorti sabet li jekk ir-riċeviment tax-xandir ikun ovvjament dirett għall-udjenza allura jkun qed jikser il-liġi.*

*Il-konvenut ġie konsegwentement inibit kif miltub mill-atturi.*

Il-Qorti: –

Qrat iċ-ċitazzjoni li tgħid li: – "Peress illi l-konvenut, fil-ħanut minnu ġestit "*Tramps Boutique*", f'Cathedral Street, Sliema, permezz ta' *Radio Cassette Player* u/jew mezz ieħor mekkaniku, installat fl-imsemmi ħanut, pubblikament esegwixxa, ippermetta u/jew ittollera l-esekuzzjoni pubblika ta' mużika tutelata ossia "*copyright*" u kkontrollata mis-soċjetà attriċi billi fil-31 ta' Jannar 1987, bejn l-10.30 a.m. u l-12.30 p.m., fost affarijiet oħra, ikkomunika x-xogħlijiet mużikali ntitolati "*Can't Smile Without You*", "*This is the World Calling*", "*Candle in the Wind*" u "*Break Out*", (Dokument "A" – "K"); u peress illi l-konvenut ma kienx ottjena l-liċenzja ta' l-atturi *nomine* biex jesegwixxi 'l fuq imsemmija xogħlijiet pubblikament skond kif inhu minnu rikjest *ai termini* tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 13(1) ta' l-Att Nru. VI ta' l-1967 Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, u b'hekk ġie li ttrasgredixxa d-drittijiet ta' l-awtur vestiti fl-atturi *nomine;* u peress illi, nonostante illi l-atturi

*nomine* interpellaw lill-konvenuti diversi darbi sabiex jottempora ruħu mal-liġi billi japplika għall-ħruġ tal-liċenzja relattiva, anke permezz ta' l-ittra legali tas-27 ta' Ġunju, 1987 kif ukoll ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Settembru, 1987, huwa baqa' għal kollox inadempjenti; talbu għalhekk l-atturi *nomine* għaliex, għar-raġunijiet premessi:

1. m'għandux il-konvenut jiġi inibit milli, fil-ħanut *"Tramps Boutique"*, Cathedral Street, Sliema, jesegwixxi. jippermetti u/jew jittollera l-esekuzzjoni pubblika ta' mużika tutelata u kkontrollata mis-soċjetà attriċi sakemm ma jkunx applika għal u ottjena l-liċenzja relattiva mingħand l-atturi *nomine;* u dana a bażi u għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-Att VI ta' l-1967 Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur – taħt il-pieni kkomminati mil-liġi għall-ħatjin ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti għal kull eventwali infrazzjoni ta' l-ordni li jiġi mogħti fuq dina d-domanda; u

2. m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja dikjarazzjoni li l-konvenut ittrasgredixxa d-drittijiet ta' l-awtur vestiti fl-atturi *nomine* fuq ix-xogħlijiet mużikali fuq premessi, tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-atturi *nomine* penali ta' mhux anqas minn għaxar liri Maltin (Lm10) u mhux aktar minn ħames mitt liri Maltin (Lm500) kif dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ *ai termini* ta' l-artikolu 13(3) ta' l-Att VI ta' l-1967 Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra legali tas-27 ta' Ġunju, 1987, kif ukoll ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Settembru 1987, kontra l-konvenut li huwa nġunt sabiex jidher għas-subizzjoni;

In-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut tgħid li t-talbiet attriċi huma nfondati. Fid-dikjarazzjoni tiegħu mbagħad amplifika din l-eċċezzjoni ġenerika billi qal: illi huwa qatt ma esegwixxa pubblikament jew ippermetta u/jew ittollera l-esekuzzjoni ta' mużika tutelata ossia *"copyright" (sic)* fil-ħanut tiegħu bl-isem *Tramps Boutique* f'Cathedral Street, Sliema u dan la fil-31 ta' Jannar 1987 u lanqas f'data oħra; illi huwa m'għandux bżonn ta' permess mis-soċjetà attriċi peress illi mhux qed jesegwixxi pubblikament ebda xogħlijiet mużikali; illi l-konvenut jipposjedi biss fl-imsemmi ħanut *"portable radio cassette"* li jservi għall-użu tiegħu personali;

Rat id-dokumenti esebiti, il-verbali tas-seduti, ix-xiehda prodotti u n-noti ta' l-atturi *nomine* u semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-avukati;

Il-fatti rilevanti huma dawn:

*Omissis;*

Il-problematika qiegħda fil-kuntestazzjoni da parti tal-konvenut espressa anki b'enfasi fix-xiehda tiegħu – tad-dritt tas-soċjetà attriċi, li fiċ-ċirkostanzi msemmija hija tista' tinibih milli jdoqq ir-*radio* fil-ħanut tiegħu jekk ma jottjenix liċenzja minn għandha kontra pagament;

L-istudju tal-Qorti ġie dirett għas-soluzzjoni ta' dan il-punt – ċjoè jekk persuna tagħmel użu minn materjal soġġett għad-drittijiet ta' l-awtur, kif dan huwa definit fl-Att *VI ta' l-1967*, meta dan il-materjal huwa riprodott f'xandira radiofonika;

Qabel xejn għandu jiġi mill-ewwel osservat illi l-Qorti se tkompli bl-osservazzjonijiet tagħha fuq il-presuppost illi l-fonti tar-riproduzzjoni – f'dan il-każ is-servizz radjofoniku ta' Xandir Malta – huwa, u kien kopert minn kull liċenzja u permess, neċessarju, da parti tas-soċjetà attriċi jew soċjetajiet oħra simili – biex jista' jirriproduċi u jxandar l-opri ta' l-awturi li d-drittijiet tagħhom jisthoqqilhom li jiġu protetti. Din il-presunzjoni hija bbażata fuq il-konsiderazzjoni illi s-soċjetà attriċi jew soċjetajiet oħra, kieku m'huwiex hekk, ilhom li ħadu l-passi neċessarji biex jipproteġu d-drittijiet ta' l-awturi fuq skala hekk vasta u ġenerali ħafna u ħafna qabel ma jirrikorru għall-azzjoni żgħira u limitata bħal ma hija l-preżenti;

Il-Qorti eżaminat l-Att VI ta' l-1967, qrat is-sentenzi tal-Qrati Ingliżi li ġentilment esebew l-atturi; studjat is-sentenzi preċedenti tal-Qrati Tagħna, u kkonsultat ukoll – fuq indikazzjoni ta' l-atturi – it-teżi tal-lawrija ta' Dr. Godwin Grima ta' l-1979 – *Harmonization of Copyright Law – a comparative study*;

Id-disposizzjonijiet tal-liġi ristretti għall-iskopijiet ta' din il-kawża, jistgħu jiġu miġburin hekk:

Artikolu 7A(1) "id-drittijiet ta' l-awtur fuq xogħol... mużikali... jkunu d-drittijiet esklussivi għall-kontroll ta' l-għemil f'Malta ta' kull wieħed mill-atti li ġejjin, jiġifieri...ix-xandir jew xandir mill-ġdid posterjuri tax-xogħol kollu jew ta' xi parti sostanzjali minnu...Iżda d-drittijiet ta' l-awtur fuq ix-xogħol tali ma għandhomx jinkludu d-drittijiet għall-kontroll ta' (a) l-għemil ta' xi wieħed mill-atti fuq imsemmija bl-użu kif jixraq għal skopijiet ta' xogħol ta' riċerka, użu privat... iżda jekk dak l-użu

jkun pubbliku, *ikoll'ı miegħu rikonoxximent tat-titolu tax-xogħol* u ta' l-awtur tiegħu, ħlief meta x-xogħol ikun inċidentalment inkluż f'xandira jew f'xandira mill-ġdid;

Artikolu 13(1) "Id-drittijiet ta' l-awtur jiġu trasgrediti minn kull persuna li tagħmel jew iġġiegħel lil ħaddieħor li jagħmel, mingħajr liċenzja tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet, att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat minn drittijiet ta' l-awtur";

Is-soċjetà attriċi qed tippretendi illi billi l-konvenut fil-ħanut tiegħu, adobbat bħala "*boutique*", jagħmel użu minn jew idoqq *radio*, huwa b'daqshekk ikun qed jittrasgredixxi d-drittijiet ta' l-awturi li x-xogħol tagħhom ikun qed jiġi trasmess minn fonti debitament, liċenzjata biex ixxandarhom, mill-istess awturi. F'dan il-każ, ir-*radio* ta' Xandir Malta;

L-għemil tal-konvenut ma jinkwadrax ruħu fid-disposittivi tal-liġi:

(a) Id-drittijiet ta' l-awtur jikkontrollaw ix-"xandir" imma din tfisser trasmissjoni attwali, b'mezzi idoneji, u mhux ir-riċezzjoni ta' dak li qed jiġi mxandar, kif huwa l-għemil tal-konvenut: – artikolu 2(1) jagħti din id-definizzjoni ta' **xandir** –

"tfisser xandir b'telegrafija mingħajr fili jew bil-fili jew il-waħda u l-oħra iżda ma tinkludix xandir mill-ġdid u "xxandar" għandha tiftiehem skond hekk;

"Xandir *mill-ġdid*" u "Xandir *mill-ġdid posterjuri*" huma wkoll imfissra mil-liġi u huwa rrilevanti għas-sitwazzjoni tal-kawża;

Il-Qorti tirrealizza li din l-interpretazzjoni hija ristrettiva u kontra l-kurrent imma ma tarax kif tista' tifhem il-liġi mod ieħor. Il-kontroll esklussiv jirreferixxi għat-trasmissjoni u mhux għar-riċezzjoni tax-xogħol ta' l-awtur;

(b) Il-Qorti mbagħad anki jekk b'xi mod jew ieħor, anki jekk ma tifhimx kif, għall-grazzja ta' l-argument tissupera l-ewwel ostakolu, tikkunsidra li hemm ostakolu sussegwenti għaliex il-liġi teskludi mil-lista ta' trasgressjonijiet dak l-għemil li għalkemm jikkwalifika bħala tali b'mod ġenerali, huwa eskluż, jekk isir għal **"użu privat"**;

Il-Qorti assolutament ma taqbilx mat-teżi avvanzata mis-soċjetà attriċi, li billi l-ħanut huwa aċċessibbli għall-pubbliku, billi minn ħin għal ieħor jidħlu n-nies biex jixtru, allura l-użu tar-*radio* mill-konvenut – huwa użu pubbliku u mhux privat. Huwa ċar illi meta l-konvenut idoqq ir-*radio* fil-ħanut tiegħu, dan jagħmlu a benefiċċju tiegħu stess li jkun fil-ħanut il-ħin kollu, biex jaljena ruħu waqt il-ħinijiet twal ta' aspettattiva ta' kull min joqgħod f'ħanut jistenna l-klijenti. Użu pubbliku jew privat għandu jfisser użu dirett għall-pubbliku jew dirett għall-privat. Il-Qorti ma tistax tara kif l-għemil tal-konvenut jista' jiġi kkunsidrat li huwa dirett għall-pubbliku. Il-fatt illi xi wħud mill-pubbliku, saltwarjament, jisma' l-mużika ħierġa minn *radio* li jkun qed jirċievi trasmissjoni ta' Xandir Malta, ma jistax ifisser li dak l-għemil huwa **dirett** għall-użu tal-pubbliku;

Konsiderazzjoni oħra li mhix irrilevanti fil-kwadru ġenerali ta' l-interpretazzjoni tal-liġi hija dik li tirrigwarda l-profitt. It-trasgressjonijiet li l-liġi trid tirreprimi huma dawk li jirrekaw profitt lit-trasgressur speċjalment a skapitu u telf ta' l-awtur. Dan

jidher ċar per eżempju mit-termini ta' l-artikolu 7(1) (n). Sub-inċiż importanti ħafna għall-apprezzament tas-sentenzi tal-Qrati Tagħna ta' qabel l-1967. L-element ta' profitt ma jidħolx fl-għemil tal-konvenut u dan ikompli jissekonda l-konsiderazzjonijiet li saru preċedentement;

Il-Qorti m'approfondietx dan l-aspett tal-kwistjoni imma qiegħda ssemmieh għaliex l-atturi talbu lill-Qorti li tikkunsidra dak li hemm fil-paġina 41 tat-teżi tal-lawrija ġà msemmija. U hemmhekk – dan huwa l-uniku element rilevanti għall-kawża, li wieħed jista' jikkonsidra;

Għar-rigward tas-sentenza ingliża ta' l-4 ta' Ottubru 1933 fl-ismijiet *The Performing Right Society Ltd. vs Hammonds Bradford Brewery Company Ltd.* tal-*Court of Appeal*, il-Qorti jidhrilha li ma tistax tiswa għat-teżi ta' l-atturi; għall-kuntrarju, anzi, il-kwotazzjoni li hemm mid-diċitura tal-liċenzja mogħtija lil *British Broadcasting Corporation* mis-soċjetà attriċi tinkludi dan –

"*...and according to its terms the Corporation was not authorized itself to authorize people with receiving sets to employ their sets for the purpose of* ***affording entertainment to the public generally***". Il-kliem sottolineat jindikaw li dak li fehmet il-Qorti fuq is-sinifikat tal-frażijiet "użu pubbliku" u "użu privat" huwa dak li kienet tifhem l-istess soċjetà attriċi – almenu fis-sena 1933 jew f'sena qabel dik – meta tat il-liċenzja tat il-liċenzja lill-*British Broadcasting Corporation*;

Apparti minn dan però, dik is-sentenza hija bbażata fuq l-interpretazzjoni tat-termini tal-liċenzja mogħtija lil BBC mis-

soċjetà attriċi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-konċetti ta' privat u pubbliku kif jirriżultaw fl-artikoli tal-liġi – lanqas fuq il-liġi ngliża ta' dak iż-żmien;

Għar-rigward tas-sentenzi tal-Qrati Tagħna kkwotati mill-atturi – dawn huma kollha sentenzi ta' dati preċedenti tal-liġi viġenti li ġiet promulagata fl-1967. Biżżejjed jingħad illi l-aħħar waħda fosthom – dik tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar 1959 fl-ismijiet "Mallia *vs* Dr. Fenech *nomine*" li rriteniet li d-daqq ta' *"juke boxes"* f'Każin tal-Banda, kien jikkwalifika bħala trasgressjoni, fil-liġi preżenti din hija espressament eskluża – artikolu 7(1)(n);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li l-konvenut ma kkommetta ebda trasgrissjoni tad-drittijiet ta' l-awtur kif sewwa ssottometta u konsegwentement it-talbiet attriċi huma miċħuda – bl-ispejjeż għall-istess atturi *nomine;*

*Omissis;*

Illi l-appell ta' l-attur huwa sostanzjalment fondat fuq il-lanjanza illi l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet, żbaljatament, it-talbiet attriċi għaliex skond l-istess Qorti d-drittijiet ta' l-awtur jikkontrollaw "ix-xandir" imma din tfisser trasmissjoni attwali b'mezzi idonei, u mhux li tirċievi dak li qed jiġi mxandar;

L-attur appellant allega illi l-konvenut qatt ma ġie "akkużat" illi ttrasġredixxa d-drittijiet ta' l-awtur permezz tax-Xandir, iżda għall-kuntrarju għaliex esegwixxa, ippermetta jew ittollera l-esekuzzjoni pubblika tal-mużika tutelata u kkontrollata mis-soċjetà attriċi u appellanti;

Il-petizzjoni ta' l-appell u r-rispsota huma esawrjenti, kif ukoll hija dettaljata, għalkemm ripetittiva, in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur *nomine;*

Fis-semplicità tagħha l-kwistjoni ma hijiex tant ikkomplikata. Iċ-ċitazzjoni attriċi titlob illi l-konvenut jiġi inibit milli "jesegwixxi, jippermetti u jew jittollera l-esekuzzjoni pubblika ta' mużika tutelata u kkontrollata mis-soċjetà attriċi sakemm ma jkunx applika u ottjena l-liċenzja relattiva";

Il-konvenut kien eċċepixxa illi huwa qatt ma għamel xejn minn dak li fuq intqal u kompla sostna illi huwa ma kellux bżonn tali permessi mis-soċjetà attriċi billi huwa "ma huwiex qiegħed jesegwixxi pubblikament ebda xogħlijiet mużikali" u kompla illi fil-ħanut *de quo* huwa jippossjedi biss *radio cassette* għall-użu tiegħu personali;

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Kummerċ eżaminat ix-xiehda mogħtija, partikolarment mill-konvenut u indikat illi dan kien ammetta li hu kien ikun qiegħed idoqq ir-*radio* u ma jkunx qiegħed juża *cassettes*. Il-Qorti kompliet illi ma kien hemm ebda diffikoltà dwar il-fatti billi ma dehrilha li hemm ebda dubju illi l-kanzunetti li *ssemmew fil-kors tal-kawża kienu tutelati u protetti* mis-soċjetà attriċi. Il-Qorti kkonċentrat fuq il-kwistjoni ta' jekk persuna tkunx qed tagħmel użu minn materjal "protett" meta dan il-materjal huwa riprodott f'xandira radiofonika, u waslet għall-konklużjoni negattiva. Il-protezzjoni tal-liġi tapplika għax-xandir u mhux għar-riċezzjoni ta' tali xandir;

Din il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-Qorti tal-Kummerċ, wara li waslet għal din il-konklużjoni, għamlet osservazzjonijiet oħra għalkemm stqarret li dawn kienu ta' importanza marġinali u ta' natura sussidjarja. Fundamentalment però, l-investigazzjoni neċessarja trid bil-fors timpernja ruħha fuq il-kwistjoni ta' dak li preċiżament huwa protett mil-liġi in diżamina;

L-artikoli 7A(1) u 13(1), ċitata mill-Qorti tal-Prim'Istanza, jagħmlu ferm ċar dak li l-liġi trid tipproteġi u l-artikolu 2(1) jagħti definizzjoni preċiża tal-kelma "xandir". Fil-petizzjoni ta' l-appell, l-atturi *nomine* jagħmlu analiżi dettaljata ta' l-artikoli oħra tal-liġi li jidhrilhom rilevanti iżda li din il-Qorti ma tarahomx hekk għal kollox, bħall-artikoli 3 u 16;

L-artikoli fundamentali għas-soluzzjoni tal-kwistjoni, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti huma l-artikoli ċitati mill-Qorti tal-Prim'Istanza. L-artikolu 13 jistipula illi d-drittijiet ta' l-awtur jiġu trasgrediti minn kull persuna li tagħmel jew iġġiegħel lil ħaddieħor li jagħmel, mingħajr liċenzja att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat minn drittijiet ta' l-awtur;

Dak li jikkostitwixxi tali atti huwa mbagħad elenkat fl-artikolu 7, fejn, fost l-elenku ta' l-atti li jagħtu dritt għal kontroll esklussiv hemm "ir-riproduzzjoni f'xi forma materjali, il-komunikazzjoni lill-pubbliku, ix-xandir jew xandir mill-ġdid posterjuri tax-xogħol..."

Il-liġi tipproteġi, mela, kull wieħed minn dawn l-għemejjel separatament – hemm ix-xandir, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku. Għalhekk jidher ċar illi x-xandir hu protett fih innifsu – u allura min ixandar għandu bżonn liċenzja, waqt

illi x-xandira **riċevuta** u **kkomunikata lill-pubbliku** wkoll tinħtieġ liċenzja;

U din l-interpretazzjoni hija sorretta mill-fatt illi l-liġi espressament teskludi mill-ħtieġa ta' liċenzja l-għemil ta' min *jirċievi xandira u jismagħha privatament* (art. 7(1)(a) ) kif ukoll mid-definizzjoni tal-liġi tal-frażi "komunikazzjoni lill-pubbliku" fl-artikolu 2 fejn din jingħad illi tinkludi:

"kull mod ta' preżentazzjoni pubblika... akustika...";

*Din il-Qorti tara, allura, illi l-posizzjoni emerġenti mil-liġi* hija differenti minn dik li waslet għaliha l-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza appellata. Ix-xandir hu protett u jirrikjedi liċenzja. Jekk min jirċievi tali xandira jagħmel **użu privat** minn tali xandira, allura ma hemmx bżonn ta' liċenzja da parti tar-riċevitur. Jekk min jirċievi x-xandira, **jikkomunika lill-pubbliku** tali xandira, allura tinħtieġ il-liċenzja;

L-ewwel talba ta' l-atturi appellanti hija dik għall-inibizzjoni milli ssir "esekuzzjoni pubblika" mingħajr il-liċenzja opportuna. Bir-rispett lejn il-Qorti tal-Prim'Istanza u wkoll lejn l-argumenti ta' l-atturi appellanti u tal-konvenut appellat, ma tantx huma rilevanti jekk mill-fatti jirriżultaw illi r-*radio* tal-konvenut kienx jew hux ikkomunikat ma' *speakers* barranin;

Adottata l-interpretazzjoni tal-liġi enunċjata minn din il-Qorti fil-paragrafi preċedenti, l-atturi għandhom il-jedd jitolbu li l-konvenut *jiġi inibit milli jikser il-liġi fil-konfront tagħhom.* Jekk il-konvenut jisma' r-*radio* waħdu, anki jekk sporadikament jidħol klijent u jisma' dak li qed jisma' l-konvenut, allur ma

hemmx komunikazzjoni lill-pubbliku. Jekk ir-riċeviment taxxandir ikun ovvjament dirett għall-udjenza – u ma għandux ikun diffiċli biex dan jiġi identifikat – allura jkun qiegħed jikser il-liġi u din il-Qorti għandha l-obbligu li minn issa tinibih milli jagħmel dan;

Kwantu għat-tieni talba taċ-ċitazzjoni attriċi, din naturalment timplika deċiżjoni dwar jekk il-konvenut diġà ttrasgredixxa jew le l-provvedimenti tal-liġi. Hawn il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għall-konklużjoni illi l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw il-każ tagħhom u minn eżami tal-provi rakkolti, din il-Qorti taqbel ma' tali konklużjoni. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tilqa' t-tieni talba;

In konklużjoni din il-Qorti, għall-motivi fuq esposti, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ċaħdet l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tinibixxi lill-konvenut milli fil-ħanut *Tramps Boutique* f'Cathedral Street, Sliema, jesegwixxi, jippermetti u/jew jittolera l-esekuzzjoni pubblika ta' mużika tutelata u kkontrollata mis-soċjetà attriċi sakemm ma jkunx applika għal u ottjena l-liċenzja relattiva skond id-disposizzjonijiet kollha ta' l-Att VI ta' l-1967 dwar id-drittijiet ta' l-awtur; waqt illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din ċaħdet it-tieni talba taċ-ċitazzjoni attriċi;

Spejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.